**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 756/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Shaun Friggieri)**

**-Vs-**

**DENIS FARRUGIA**

**Illum, 15 ta' Diċembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **DENIS FARRUGIA** ta' 41 sena, iben Silvester u Maria Julia xebba Aquilina, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Novembru 1981, residenti f'9B, Fl 3, Triq Adeodato Gatt, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita' 0604981M, li ġie akkużat talli bejn Novembru 2020 u Lulju 2023 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda;

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti ffalsifikati msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokumenti maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt tagħrif falz ;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta’ Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b’qerq ta’aktar minn ħamest elef euro (€5,000).

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta’ Novembru 2023 fejn laqgħet it-talba tad-Direttur tas-Sigurta’ Soċjali u d-Direttur Ġenerali tad-Dħul u Osservanza tal-Benefiċċju u ammetthom fil-proċeduri bħala parti offiża a tenur tal-artikolu 410(5) tal-Kap. 9;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2023, jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li huwa ħati biss tal-akkużi addebitati fl-imputazzjonijiet bin-numru tnejn (2), erba’ (4), ħamsa (5) u sitta (6);

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jirtira l-imputazzjonijiet enumerati wieħed (1) u tlieta (3) fiċ-ċitazzjoni u jiddikjara illi l-imputazzjoni enumerata sebgħa (7) hija alternattiva għall-imputazzjoni bin-numru sitta (6).

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu dwar ir-reati addebitati fl-imputazzjonijiet minnu ammessi, anke wara li ġie mwissi bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ ħtija u sabiex jerga’ jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom, il-konsegwenzi ta’ dikjarazzjoni tal-ħtija u l-piena erogabbli.

Semgħet lill-Assistent Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jiddikjara fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2023 illi l-bilanċ dovut illum mill-ammont kollu meħud illegalment għad-detriment tal-istess Dipartiment, wara li ġie mħallas depozitu akkont, huwa fis-somma ta' €14,737.42 u illi fid-29 ta' Novembru 2023 ġie konkluż ftehim bil-miktub bejn id-Dipartiment u l-imputat għar-ripagament bin-nifs tal-ammont dovut permezz ta' rati mensili fis-somma ta' €150. Semgħet lill-imputat jikkonferma dan kollu u rat id-dokumenti akkwiżiti fl-atti fosthom kopja tal-ftehim konkluż fid-29 ta' Novembru 2023.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'hijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja effettiva;

Rat id-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha minnu ammessi.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħed jinstab ħati dwarhom l-imputat u l-ammont sostanzjali li huwa kiseb għad-dannu tal-parti offiża b'riżultat tal-kommissjoni ta' dawn ir-reati. Iżda ħadet ukoll qies tal-fedina penali kompletament netta tal-imputat, kif ukoll tal-fatt illi huwa ammetta il-ħtija tiegħu fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri. Fuq kollox, il-fatt illi ntlaħaq ftehim formali mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali li jfisser li l-imputat aċċetta wkoll li jħallas lura lid-Dipartiment l-ammont kollu minnu meħud illegalment u l-fatt li diġa' beda jħallas lura l-ammont minnu dovut.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-istess att, ċioe' l-użu ta' dokumenti iffalsifikati ta lok għal iktar minn reat wieħed, fosthom ir-reat taħt l-artikoli 169, 184 u 188 tal-Kap. 9, kif ukoll il-mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, għanda tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi fost dawk li ġew kommessi permezz tal-istess att li f'dan il-każ huwa r-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9. Jirriżulta wkoll li r-reati addebitati fit-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet twettqu sewwasew bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi.  Isibu riskontru għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9.

Bl-ammissjoni tal-imputat għar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, ma jistax jinstab ħati wkoll għar-reat tal-frodi innominata taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 għaliex dan ir-reat jinstab ħati tagħha min jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel u għalhekk, anke għaliex ġie dikjarat mill-Prosekuzzjoni li din l-imputazzjoni hija alternattiva għall-imputazzjoni dawr ir-reat ta' truffa, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7) dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Ir-reat l-iktar gravi fost is-sensiela ta' reati li l-imputat ammetta l-ħtija dwarhom, huwa dak taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 li, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, jipprovdi għal piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin billi l-ammont tal-ħsara magħmula mill-imputat jeċċedi s-somma ta' €5,000.

Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi filwaqt li l-iktar piena idoneja hija waħda karċerarja, hemm raġunijiet tajbin u validi fiċ-ċirkostanzi, biex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 532A tal-Kap. 9 minflok id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28H tal-istess Kap. 9, fil-konfront tal-imputat.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet bin-numru wieħed (1) u tlieta (3) wara li dawn ġew irtirati mill-**

**Prosekuzzjoni, u filwaqt li tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7) għaliex hija alternattiva għall-imputazzjoni bin-numru sitta (6), u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 169 (li jagħmel referenza għall-artikolu 167), 184, 188(1), 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil DENIS FARRUGIA ħati fuq ammissjoni tiegħu stess, tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet (3) snin, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrendi applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil DENIS FARRUGIA jħallas lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali is-somma bilanċjali ta' erbatax-il elf, sebgħa mija u sebgħa u tletin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€14,737.42) rappreżentanti d-danni sofferti mill-istess Dipartiment b'riżultat tad-delitti li dwarhom qed tinstab ħtija, skont it-termini tal-ftehim konkluż bejniethom fid-29 ta' Novembru 2023 ċioe' bin-nifs b'rati mensili ta' mija u ħamsin Euro (€150) kull waħda.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**